MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 52/2007/1

**Xavier Fenech**

**vs**

**Stephen George Steiner**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Settembru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-avviz tat-talba pprezentat fid-9 ta' Ottubru 2007, li jghid hekk:-
>
> 'Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lir-rikorrenti Xavier Fenech is-somma ta' disa' mija u hmistax –il lira Maltin (Lm915) dovuti bhala hlas

ghal xoghol ta’ aluminium li sar mir-rikorrenti fuq inkarigu tal-intimat Stephen George Steiner.

Bl-ispejjez komprizi ta’ l-ittra ufficjali spedita f’Awwissu 2007, u ta’ l-ittra interpellatorja datata 4 t’Awwissu 2007, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.’

Il-konvenuti permezz tar-risposta tieghu pprezentata fis-7 ta’ Dicembru 2007, eccepixxa :-

‘Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex mhuwiex minnu li l-attur wettaq xi xoghol ta’ aluminium fuq struzzjonijiet ta’ u a beneficcju tal-konvenut.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk sar xi xoghol simili, l-ammont mitlub mill-attur huwa wiehed esagerat ghall-ahhar.

Illi din il-pretensjoni da parti tal-attur tressqet ’il quddiem biss wara u ghaliex il-konvenut talab lill-attur jirritornalu apparat ta’ *underwater diving* appartenenti lill-istess konvenut, izda li kien detenut mill-attur, u dan ta’ l-ahhar irrifjuta, anzi’ ha din it-talba bhala offiza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.’

Il-konvenut permezz tar-risposta ulterjuri tieghu tal-1 ta’ Dicembru 2008, eccepixxa ulterjorment li t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti a tenur ta’ l-artikolu 2148(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.’

Sama’ l-provi ;

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Il-meritu tal-kawza attrici jikkoncerna talba ghall-hlas ta' somma fl-ammont ta' disa' mija u hmistax –il lira Maltin, illum ekwivalenti ghal elfejn mija u wiehed u tletin Euro u tmienja u tletin centesimi (€2131.38) ghall-ezekuzzjoni ta' xoghol ta' aluminium lilu kommissjonat. Fil-konfront ta' din it-talba l-konvenut issolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili.

Gialadarba nghatat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, din trid tigi kunsidrata l-ewwel, ghax jekk tintlaqa' jkun inutili li jigu ttrattati l-eccezzjonijiet l-ohra.

L-artikolu 2148 (a) tal-Kap.16 igib l-estinzjoni ta' l-azzjoni bl-gheluq ta' tmintax il-xahar fil-kaz ta' 'l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu.'

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, il-preskrizzjoni hawn kontemplata ma tikkolpix l-azzjoni prezenti. Ma hemmx dubbju li l-azzjoni attrici hi prettament naxxenti u bbazata fuq kuntratt ta' appalt li jinkwadra ruhu – ghal dik li hija preskrizzjoni - taht l-artikolu 1249(a) tal-Kodici Civili u mhux taht l-artikolu 1248(a), li ghalkemm hemm certu affinita' bejn dawn iz-zewg artikoli tal-ligi, huma dpero' istinti minn xulxin. L-artikolu 1249(a) jipprovdi li l-azzjonijiet tal-kuntratturi ta' bini jew ta' xogholijiet ohra ta' njam, jew materjal iehor ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu jaqghu bi preskrizzjoni ta' l-gheluq ta' sentejn. L-

attur, li kif stqarr hu jahdem f'dan in-negozju, ghamel xogholijiet ta' aluminium, forna l-materjal, u qieghed l-istess xogholjiet ta' aluminium fl-appartament tal-konvenut. Dan, il-konvenut ma jikkontestahx, pero' jikkontesta li l-ammont mitlub mhuwiex dovut il-ghaliex jinsab preskritt bid-dekors ta' tmintax–il xahar. Mix-xhieda tieghu fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2009, jirrizulta illi l-attur beda dan ix-xoghol madwar tliet snin ilu, u skond hu, ix-xoghol li nkarigah jaghmel il-konvenut lanqas kien ghadu lest kollu billi kien ghad baqa' xi hgieg tal-bieba tal-verandah x'jitwahhal, u li baqa' ma twahhalx peress li kienu nqalghu xi divergenzi bejniethom dwar kwistjonijiet ohra. Il-konvenut minn naha l-ohra, xehed li dan ix-xoghol tal-aluminium li tieghu l-attur qed jitlob il-hlas sar fis-sena 2003, u mhux fis-sena 2006.

Il-kuntratt tal-appalt ghax-xoghol li sar mill-attur ma jbiddilx is-sostanza tieghu mill-fatt jekk giex redatt bil-miktub jew jekk sarx verbalment. Biex tigi determinata liema hija l-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni partikolari wiehed irid jezamina d-dispozizzjonijiet partikolari tal-kuntratt li minnu titwieled l-azzjoni u fl-ewwel lok jistabilixxi s-sustanza tar-relazzjoni guridika ezistenti bejn il-partijiet. Fil-kaz in dizamina l-attur qieghed jagixxi gudizzjarjament biex ikun kanonizzat kreditur tal-konvenut fis-somma msemmija fl-avviz tat-talba allegatament dovuta bhala prezz ta' xoghol ta' aluminium, f'liema prezz hemm inkluz ukoll il-fornitura tal-materjal, u tqeghid tax-xoghol fil-post indikat mill-konvenut.

Fil-kawza fl-ismijiet **"Tommaso Pace noe –vs- Salvatore Muscat**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, fit-18 ta' Mejju 1929, gie rilevat illi d-disposizzjoni ta' l-Art 1912 (illum 2148 (a)) ta' l-Ordinanza VII tal-1868 *"non e' applicabile a coloro che esercitano una impresa per il loro credito per le opere da loro eseguite e pei materiali da loro forniti … …*"

L-Artikolu 2148(a) jirreferixxi ghalhekk ghall-krediti tal-artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew **(Kollez. Vol XLI.i.347**) filwaqt li l-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2149(a) tirreferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra, jipprestaw xoghol – '*opus*' 'minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xoghlijiet u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet.' - **Kollez. Vol XLII.iii.1151**; **'Joseph Grech –vs- Emanuela Camilleri e**t', Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977; **'Gio Maria Camilleri –vs- John Licari e**t', Appell Kummercjali, 16 ta' Ottubru 1972; **'Francis Bugeja nomine –vs- Indri Mercieca**', Appell, 29 ta' Mejju 2000. Dawn is-sentenzi kollha ghamlu d-distinzjoni bejn id-dispost tal-ligi hawn ezaminat (Art 2148 (a)) u l-art. 2149(a) li mieghu ghandu certu affinita'. Fuq il-bazi tal-fatt maghruf, il-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut ma hijiex applikabbli.

Illi tkun inutili kull indagini biex wiehed jara jekk l-odjerna azzjoni tal-attur waqghetx jew le bil-preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn, billi din il-preskrizzjoni ma gietx invokata mill-konvenut; u ghaliex, invokata wahda mill-preskrizzjonijiet partikolari kontemplati fis-subtitolu IV, tat-Titolu XXV, tat-Taqsima II tal-Kodici citat, dan it-Tribunal ma jistghax, jekk dik invokata tirrizulta insostenibbli, ifittex biex jara jekk hix applikabbli xi preskrizzjoni ohra partikolari li ma tkunx giet invokata [artikolu. 2111 tal-Kodici Civili], u lanqas jista' jikkonsidra ebda preskrizzjoni ohra hlief dik specifikatament eccepita ('**Perit Victor Muscat –vs- Edgar Tabone**', Appell Civili, 18 ta' Frar 1963; **'Paul Xuereb –vs- Amabile Fiott'**, Appell Sede Inferjuri, 3 ta' Dicembru 1975). Il-Qorti tal-Kummerc espremiet ruhha f'dan is-sens :- *'Il-konvenut ma ssolleva ebda eccezzjoni ohra ta'*

*preskrizzjoni u l-Qorti ma tistax tikkonsidra jew tapplika preskrizzjoni li ma gietx espressament imsemmija, u ma tistax tapplika terminu iehor ta' preskrizzjoni*' – '**George Cini –vs- Rita Camilleri**', 26 ta' Lulju 1979. Bl-istes mod esprimiet ruhha il-Qorti Civili Prim'Awla fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet : '**Ronald Nauci vs Unispeed Shipping and Forwarding Ltd.**, 26.06.2003. : '*Minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 2111 tal-Kap 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva*.'

Illi anke' li kieku l-artikolu tal-ligi citat mill-konvenut dwar il-preskrizzjoni partikolari kellu jigi kunsidrat minn dan it-Tribunal li japplika ghall-kaz in dizamina, din l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni jkollha t-tendenza li tfalli xorta wahda fid-dawl tal-eccezzjoni l-ohra li qajjem l-istess konvenut li l-ammont mitllub huwa wiehed esagerat. Il-konvenut ma llimitax ruhu li jeccepixxi l-preskrizzjoni, u permezz ta' eccezzjoni ohra jikkontendi illi l-ammont mitlub huwa wiehed esagerat. Kif gie stabilit mill-Qrati taghna li '*eccezzjoni li l-ammont mitlub huwa esagerat, hija nkonsistenti ma' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Din l-eccezzjoni ma tistax ma tinftehimx hlief bhala ammissjoni tal-kreditu izda wkoll bhala kontestazzjoni tal-quantum.*' [Qorti tal-Appell, '**Guido J. Vella vs Dr. Emmanuele G. Cefai**', 05.10.2001; Qorti tal-Appell, **Aluminium Ltd. vs EARLI Ltd.**, 16.02.2004; Appell Inferjuri, **Mary Rose Tabone vs Silvio Vassallo pro et noe**, 24.03.2004; Appell Inferjuri, **Pace Associates Ltd. vs Drawing Techniques Ltd.**, 07/12/2005]. Inoltre bis-semplici dikjarazzjoni tal-konvenut li x-xoghol kien sar fis-sena 2003, dan it-Tribunal lanqas mhuwa soddisfatt li l-konvenut gab prova sodisfacenti bizzejjed li fil-fatt kien ghadda

inutilment il-perjodu kollu tal-preskrizzjoni. Illi kif hu maghruf, il-preskrizzjoni hi mezz li bih wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi. Certament jinkombi fuq min jeccepixxi l-preskrizzjoni li jipprova sodisfacentement li jkun ghadda inutilment il-perjodu kollu tal-preskrizzjoni. '*L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent*' [Prim'Awla, **Ronald Naudi vs Unispeed Shipping and Forwarding Ltd.**, 26.06.2003., Prim'Awla, '**Peter Montebello vs Peter Montebello et**', 25/09/2003].

Fil-meritu jirrizulta li l-attur ghamel xoghol ta' aluminium liema xoghol jirrizulta mill-invoice li tinsab esibita a fol.29 tal-process. Dan il-konvenut ma jikkontestahx. Mill-provi ma jirrizultax pero' li l-konvenut wera li l-prezz li qed jitlob il-konvenut ghax-xoghol tal-aluminium esegwit minnu huwa esagerat, u fin-nuqqas ta' tali prova dan it-Tribunal ma jistax hlief iqis it-talba ghall-hlas ta' elf disa' mija u ghaxra (€1910) bhala wahda gustifikata, f'liema somma hemm inkluza t-taxxa fuq il-valur mizjud li ghaliha l-attur irid jippresta r-ricevuta fiskali mal-hlas. Dan it-Tribunal ma jqisx bhala raguni gustifikata li l-konvenut ma jhallasx lill-attur il-ghaliex hu kien gab lill-attur diversi oggetti mill-Germanja li l-konvenut baqa' ma hallusx taghhom. Il-konvenut m'ghamel ebda kontro-talba f'dan is-sens biex jithallas ta' dawn l-oggetti, u lanqas ma jista' jitqies li kien hemm tpacija billi l-konvenut ma gab ebda prova la tal-valur tal-oggetti li allegatament kien ta lill-attur, u lanqas ma gab prova li dan id-dejn li allegatament l-attur ghandu mieghu jista' jintalab. L-artikolu 1197 tal-Kodici Civili jistabilixxi li t-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu.

Dwar il-hlas ta’ mitejn u wiehed u ghoxrin Euro (€221.29) li l-attur qed jippretendi l-hlas taghhom ukoll minghand l-attur ghad-depozitu minnu mhallas fl-interess tal-konvenut ghall-kiri tal-farmhouse minghand Gregory Vella u l-hlas li sar lil certu Moses ukoll fl-interess tal-konvenut tal-grada li nhadmet u twahhlet fix-shaft tal-appartament tal-konvenut, billi dawn il-hlasijiet ma jikwadrawx ruhhom fir-raguni tat-talba li fuqha l-attur sejjes it-talba tieghu ghall-hlas fl-avviz tat-talba, dan it-Tribunal mhuwiex qed jilqa’ din it-talba li l-konvenut jigi kkundannat ihallas dan l-ammont billi t-talba tieghu l-attur ghamilha specifikatament ghall-hlas ta’ xoghol ta’ aluminium li sar minnu fuq inkarigu tal-konvenut.

Wara li ra l-artikoli 3(2), 7(1), 9(2)(a)(3) tal-Kap.380.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa’ t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ elf disa’ mija u ghaxar Euro (€1910), u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur din is-somma, bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ din is-sentenza sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, inkluzi wkoll tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Awwissu 2007 [Ittra numru 616/07], kontra l-istess konvenut.”

L-aggravju tal-konvenut fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza hu koncizament fis-sens li gej. Huwa jillanja illi ma ntlahaqx il-livell ta’ prova li verament l-ammont reklamat kien dovut lill-attur. Ir-raguni minnu sottomessa ghal din id-deduzzjoni hi dik li, skond hu, mill-kumpless tax-xhieda l-attur kien effettivament irrinunzja li jircievi xi hlas ghax-xoghol ezegwit minnu. Ghaldaqstant, huwa stieden lil din il-Qorti biex tvarja d-decizjoni tat-Tribunal;

Ghal mument jibda biex jigi registrat illi mill-istess estrapolazzjoni tax-xhieda tal-konvenut u ta' Christel Helme, kif riprodotta mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell tieghu, jikkonsegwi dan li gej:-

1. L-attur ghamel xoghol ta' l-aluminium kif lilu inkarigat. Hu gie offert il-hlas imqar ghall-materjal li nefaq imma l-attur irrifjuta din l-offerta kemm minhabba rapport ta' hbiberija, kemm ghal raguni illi hu nghata "*free of charge*" xi oggetti importati ghalih minn barra kif ukoll ghaliex ghamel uzu minn *diving equipment* tal-konvenut bla hlas. Dejjem skond il-konvenut ix-xoghol li sar mill-attur kien bi tpacija ghal dawk l-oggetti u uzu;

2. Skond ix-xhud Helme l-attur gie ngaggat biex jaghmel xoghol li dwaru kellhom stima, b'dan pero` li bi tpattija huma jassistuh *f'diving sessions* u jghaddulu xi oggetti bhal *dvd*, *mobile* u xi ghodod tal-mestjier bla hlas;

3. Il-ftehim kien li l-pagament ghal dak ix-xoghol esegwit isir "*in kind*";

Premessi dawn l-ispunti mix-xhieda, il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi l-ewwel linja difensjonali tal-konvenut kif tinzel mill-eccezzjonijiet tieghu kienet arginata fuq l-opposizzjoni illi (i) l-attur ma ghamelx ix-xoghol ta' l-aluminium li ghalih talab il-hlas, (ii) li l-ammont mitlub hu esagerat, u (iii) li t-talba qeghda issir ghax l-attur hassu offiz meta ntalab jirritorna lura xi apparat tad-*diving* li kien qed jinzamm minnu. Evidentement, minn dak fuq riportat bhala sunti mix-xhieda l-linja difensjonali tal-konvenut spustat ruhha fuq il-binarju li l-attur minn rajh offra li jaghmel ix-xoghol bi tpacija ghal kontro-prestazzjonijiet da parti ta' l-istess konvenut u bir-rinunzja ghall-hlas tal-korrispettiv lilu dovut ghal dak l-istess xoghol;

Bhala punt ta' tluq jibda biex jinghad illi hu *jus receptum* fl-ordinament guridiku taghna u ta' pajjizi ohra illi "*chi presta la propria opera, sotto qualunque forma, a vantaggio di altri, deve essere retribuito, a meno che risulti la gratuita*

*della prestazione, ossia l'intenzione liberale di fornirla*" (**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana ta' l-14 ta' Novembru, 1972, Numru 3389**);

Affermat dan, l-attur s'intendi jibbaza r-rapport guridiku tieghu mal-konvenut ghax-xoghol minnu prestat fuq il-*locatio operis* a norma ta' l-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili. Hi, imbaghad, it-tezi kuntrarja tal-konvenut appellant illi dik il-prestazzjoni mill-attur kienet minghajr korrispettiv ghaliex, skond l-assunt tieghu, ir-rapport konkjuz kien wiehed gratuwitu u tali jesulah mill-iskema tipika tal-*locatio operis*. Innegabilment, biex din it-tezi tal-patt tal-gratuwita dezunt mill-appellanti tigi accettata, il-prova dwarha trid almenu tkun wahda preciza, cara u inekwivoka ghaliex, altrimenti, f'kaz ta' kontestazzjoni eventwali l-kwestjoni ghandha tigi rizolta ghal vantagg ta' min ippresta l-opra tieghu. Dan huwa hekk, tant ghaliex hadd ma huwa prezunt li ppresta s-servizzi tieghu lil haddiehor minghajr il-hsieb li jithallas, lanqas jekk dan haddiehor hu habib jew familjari (ara "**Victoria Azzopardi -vs- Emanuel Azzopardi**", Appell Civili, 24 ta' Mejju, 1989), tant ghaliex ukoll "il-gratuwita u r-rinunzja ghall-kumpens m'ghandhomx jigu akkolti facilment" (ara "**Elizabeth Vassallo** ***et*** **-vs- Francoise Sultana**", Appell Kummercjali, 11 ta' Frar, 1974;

Issa mill-kunsiderazzjoni komplessiva tal-provi hi l-fehma ta' din il-Qorti illi minnhom ma jistax jigi referit illi l-attur, ghax-xoghol li wettaq, kellu xi animu ta' liberalita` jew, ukoll, speci ta' donazzjoni rimuneratorja spontanjament assunta biex jizdebita ruhu mal-konvenut ghall-uzu ta' l-apparat tad-*diving* u xi oggetti kkonsenjati u bhala sentiment ta' gratitudni versu l-attur biex jikkompensah ghal dak l-istess uzu u oggetti. Certament, fiz-zgur, mix-xhieda ta' l-attur il-Qorti ma tirravviza ebda *animus donandi* ta' dik ix-xorta;

Ukoll, dejjem mill-istess deposizzjoni ta' l-attur u mic-cirkostanzi generali tal-kaz, il-Qorti ssib li r-*ratio* li tinzel

minnhom tikkuntrasta sew ma' l-assunzjoni tal-konvenut u tax-xhud tieghu ta' xi rinunzja tendenti ghall-abdikazzjoni mill-attur tad-dritt tieghu ghall-hlas. Ibda biex l-insenjamenti gurisprudenzjali jillustraw sewwa u car illi "r-rinunzji huma di *stretto diritto* u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta preciza tar-rinunzjant" ("**Paul Abela *nomine* -vs- Paul Azzopardi**", Appell Kummercjali, 30 ta' Mejju, 1952). Fit-tieni lok, bhala stat ta' fatt, il-propozitu tar-rinunzja vantat mill-appellant ma tistax lanqas lontanament titnissel b'mod univoku ghaliex semplicement il-kontendenti kienu hbieb jew ghaliex l-attur dam ma baghat il-kont jew, ukoll, ghaliex l-istess intbaghat wara li l-appellanti talbu jroddlu xi apparat ta' proprjeta` tieghu;

Ugwalment, din il-Qorti ma tistax bhala proposizzjoni sana ta' dritt taccetta l-ezistenza ta' xi estinzjoni awtomatika tal-kreditu ta' l-attur b'effett ta' xi tpacija. Hu principju illi ma tistax issir tpacija, lanqas wahda gudizzjali, meta zewg debiti ma jkunux likwidi u esigibbli. Ara "**Rosaria Portelli *nomine* -vs- Joseph Portelli**", Appell Civili, 14 ta' Frar, 1941, u l-Artikolu 1197 (Kodici Civili). Ukoll, "meta kreditur illikwidu jippretendi li ma jhallasx in forza ta' kompensazzjoni, il-posizzjoni tieghu mhix legalment protetta mill-konsegwendi tal-gudizzju promoss kontra tieghu mill-kreditur, jekk huwa ma jirrikorrix ghar-rimedju preventiv tad-depozitu tal-kreditu dedott u jissekwestrah in bazi ghall-pretensjoni tieghu" ("**Carmelo Debattista -vs- Francesco Briffa**", Prim' Awla, Qorti Civili, 18 ta' Jannar, 1964;

Fil-kaz prezenti l-appellanti ma nqediex b'dan ir-rimedju izda minflok ittanta jitfa dubju fuq il-konsistenza tal-fattura esebita mill-attur (fol. 29), meta dubju bhal dan minn wicc l-istess fattura huwa ghal kollox eskluz. Ikollu jinghad li, kollox ma' kollox, l-argomenti ta' l-appellanti fir-rigward ma jipperswadux u, konsegwentement, bl-aggunta tal-premessi konsiderandi mhux il-kaz li din il-Qorti tissostitwixxi l-konvinciment li wasal ghalih it-Tribunal fir-*ratio decidendi* tieghu.

Ghal motivi predetti l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------